# L-AĠĠETTIVI

www.maltikurja.com



# Il-funzjoni tal-aġġettivi

- L-aġġettivi jgħaddu informazzjoni dwar in-nom.
- Idaħħlu kulur fil-lingwa u jagħtu l-ħajja lill-kitba.
- Iż-żieda tal-aġġettiv wara n-nom tindika li n-nom għandu xi kwalità partikolari.

Eż. ġelat tajjeb

mara għarfa

ħanut modern



- L-istruttura tal-frażi li tinkludi l-aġġettiv fil-Malti trid tkun:

**nom** + ***aġġettiv***

*Eż.* ***umbrelel ikkuluriti***

***sajf sħun***

***żvilupp sostenibbli***

***kmamar żgħar***

# L-istruttura tal-frażi li tinkludi l-aġġettiv.



# Il-qbil grammatikali

- L-aġġettiv ħafna drabi jaqbel man-nom fil-ġens (maskil/ femminil) u l-għadd (singular/plural).

i. Aġġettivi ta' nisel Semitiku:

raġel *(m) ħelu, sabiħ, qalil (m)*

mara *(f) ħelwa, sabiħa, qalila (f)*

(i)rġiel / nisa *(pl) ħelwin, sbieħ, qliel (pl)*

# Il-qbil grammatikali



ii. Aġġettivi ta' nisel barrani:

| baħar kalm (m) | atmosfera kalma (f) | lejliet kalmi (pl) |
|---|---|---|
| gustuż | gustuża | gustużi |
| sinjur | sinjura | sinjuri |
| artistiku | artistika | artistiċi |
| kumplikat | kumplikata | kumplikati |

- Fil-Malti Semitiku, il-qbil grammatikali jgħodd u jseħħ dejjem. Iżda fi kliem ta' nisel barrani dan mhux dejjem jgħodd. Fil-fatt insibu ħafna aġġettivi li ma jitbiddlux skont il-ġens u l-għadd tan-nom.

Eż. film/storja/ kotba – **interessanti**

pjan/kitba/ artikli – **importanti**

port/ bajja/ ramliet – **naturali**

Insibu aġġettivi oħra bħal dawn: **speċjali, diffiċli, kulturali, fenomenali, enormi**